6 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Emmanuela Balzan *versus* Giovanna Degiorgio et.

**Serviġi — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Mara — Illeġittimità tal-Persuna — Liberazzjoni "Ab Observantia" — Art. 1362 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Oġġetti akkwistati minn mara miżżewġa bħala kumpens ta' serviġi li hija rrendiet jidħlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti; u dawk l-oġġetti jikkostitwixxi kreditu tal-komunjoni, li ma jistax jiġi mitlub ħlief mir-raġel bħala kap ta' dik il-komunjoni.*

*Għalhekk il-mara ma tistax titlob il-konsenja ta' dawk l-oġġetti f'isimha, u jekk hija hekk tagħmel tkun persuna illeġittima biex tagħmel dik il-kawża; u l-eċċezzjoni relativa tista' tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio".*

*U din l-illeġittimità tal-persuna ma ġġibx magħha sempliċement il-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, imma li l-ġudizzju għandu jiġi ritenut irritu u null.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi hija damet fuq tliet snin tirrendi serviġi lill-imsemmija Carmela Balzan, u bħala kumpens l-istess Carmela Balzan kienet atha barbazzal u ċappetta tad-deheb; u illi dawn iż-żewġ oġġetti l-lum jinsabu f'idejn il-konvenuta Giovanna Degiorgio li qiegħda tirrifjuta inġustament li tikkonsenjahomlha; u illi l-konvenuti Emmanuele Balzan u Te-

resa *Fava huma eredi* ta' Carmela Balzan, u ma tawhiex il-kunsens taghhom biex tiehu l-imsemmijin oġġetti; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuti, jew min minnhom, premessa jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni li l-oġġetti msemmijin fuq huma ta' proprjetà taghha, il-konvenuta Giovanna Degiorgio tigi kundannata minn din il-Qorti tikkonsenjalha l-barbazzal u ċ-ċappetta tad-deheb li kienu ta' Carmela Balzan, jew in difett thallasha l-valur taghhom. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Frar 1953. Il-konvenuti ġew ingunti ghas-subizzjoni;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi, kif jidher mill-kumpless tal-provi, il-fatti tal-kawża huma dawn. Giuseppe Balzan, ir-raġel ta' l-attriċi, u l-konvenuti *Giovanna Degiorgio, Emmanuela Balzan* u *Teresa* Fava, huma ahwa, tfal tal-mejta Carmela Balzan. Wara l-mewt ta' missierhom, dawn it-tfal, flimkien ma' huhom Antonio, li mhuwiex parti fil-kawża, osservaw *illi ommhom*, l-imsemmija Carmela Balzan, ma kienetx ta' wehedha, u ghal-hekk ftehmu, bil-kunsens u l-approvazzjoni ta' ommhom, illi dina tmur toqghod ghand xi hadd minnhom u tiehu maghha l-oġġetti *tad-deheb imsemmija fiċ-ċitazzjoni*, li hija ma kellhiex hliefhom, u dak jew dik li tkun ghandu jew ghandha l-ahhar meta tmut, jiehu u jżomm ghalih bhala tieghu dawk l-oġġetti. F'dan il-ftehim ma kienx ha parti l-konvenut Emmanuele Balzan. Mistoqsija ghand min kienet riedet tmur, Carmela Balzan ghażlet lill-konvenuta Degiorgio; u hekk l-omm marret ghand din bintha, li żammet dawk l-oġġetti, li ommha kienet hadet maghha. Wara ftit ġranet, l-omm ma riedetx tibqa' iżjed hemmhekk, u marret ghand bintha l-ohra, il-konvenuta Fava, fejn hadet l-imsemmijin oġġetti tad-deheb. Wara xi ftit xhur Giuseppe Balzan, ir-raġel ta' l-attriċi, xtaq illi l-omm tmur ghandu; dina aċċettat illi tmur, u effettivament marret, u hadet ukoll maghha dawk l-oġġetti tad-deheb. Verament dawn l-oġġetti ma kienux jinżammu minn Carmela Balzan, imma minn dak minn uliedha li kienet tkun qieghda ghandu; u dana kien jikkonsenja dawk l-

oġġetti lil dak li għandu kienet tmur ommu wara li tkun telqet minn mieghu;

Carmela Balzan damet ma' binha Giuseppe xi tliet snin. F'dak iż-żmien hija kienet tat, jiġifieri kienet qatilha biex iżżomm għaliha dawk l-oġġetti, lill-attriċi; dan sar jew għaliex............ Fiż-żmien li Carmela Balzan kienet fid-dar ta' binha Giuseppe, l-attriċi ma hassetx ruħha aktar fi stat illi tkompli żżommha għandha............ Il-konvenuta Degiorgio aċċettat illi tieħu 'l-ommha f'darha; imma biex tagħmel hekk, hija riedet illi l-attriċi tagħtiha dawk l-oġġetti addeheb, konformement għall-ftehim li kien sar. L-attriċi jaqlet lil dina l-konvenuta illi dawk l-oġġetti Carmela Balzan kienet tathomlha; imma billi hija ma kienetx riedet żżomm aktar f'darha lil omm żewġha, spiċċat biex ikkonsenjat dawk l-oġġetti lill-konvenuta Degiorgio, li effettivament ħadet l-ommha f'darha, u rċeviet minn għand l-attriċi dawk l-oġġetti. Wara xi seba' xhur illi damet mal-konvenuta Degiorgio — f'liema żmien l-attriċi lil din ma kellmitha xejn fuq dawk l-oġġetti — Carmela Balzan mietet. F'din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob minn għand il-konvenuta Degiorgio l-konsenja ta' l-imsemmijin oġġetti tad-deheb — li hija tippretendi illi Carmela Balzan kienet tathomlha b'kumpens tas-servizzi li hija kienet irrendietilha;

**Ikkunsidrat;**

Illi, mingħajr ebda konsiderazzjoni tad-diversi kwistjonijiet li jinvolvi l-meritu ta' din il-kawża jiġi osservat illi kif tippretendi l-attriċi, l-oġġetti tad-deheb ġa msemmijin ġew mogħtija lilha minn Carmela Balzan fi żmien iż-żwieġ tagħha ma' Giuseppe Balzan, bħala kumpens tas-servizzi li hija rrendietilha għal ċertu żmien li kienet f'darha; u għalhekk dawk l-oġġetti, li ġie pruvat illi jiswew £16. 18. 0, jidħlu filkomunjoni ta' l-akkwisti, billi, skond il-liġi, dak kollu li rraġel u l-mara jakkwistaw bix-xogħol u l-ħidma tagħhom jidħol f'dik il-komunjoni. B'dan il-mod, l-istess oġġetti jikkostitwixxu kreditu formanti parti ta' l-imsemmija komunjoni; u dan il-kreditu ma jistax jiġi mitlub ħlief mir-raġel, bħala kap ta' l-istess komunjoni (art. 1362 Kodiċi Ċivili). "Il marito, nella sua qualità di amministratore della comunione, ha

esclusivamente il diritto di stare in giudizio per le azioni che la riguardano" (Ricci, Diritto Civile, Vol. VII, para. 87, pag. 149);

Konsegwentement, il-konsenja ta' l-imsemmijin oġġetti ma tistax tiġi mitluba blief mir-raġel ta' l-attriċi f'ismu personalment, bħala kap u amministratur *tal-komunjoni*, jew minn rappreżentant tiegħu, iżda mhux mill-mara f'isimha kif sar f'dan il-każ. Mix-xhieda ta' l-attriċi jidher illi ma kienx hemm kitba taż-żwieġ bejnha u żewġha; u għalhekk ma hemmx il-possibilità li setgħet ġiet eskluża bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti;

*Illi dan juri illi l-attriċi hi persuna illeġittima biex tagħmel din il-kawża.* Għalkemm din l-eċċezzjoni ma ġietx mogħtija mill-konvenuti, l-istess eċċezzjoni tista' tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Kollez. Vol. XXXIII—II—39);

Din l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attriċi ma tidherx li ġġib magħha semplicement il-liberatorja tal-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; *imma, konformement għal dak li* għamlet il-Qorti ta' l-Appell fl-ewwel ta' Gunju 1928, fil-kawża "Mangion vs. Agius" (Kollez. Vol. XXVII—I—120), ian il-ġudizzju għandu jiġi dikjarat irritu u null;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi l-attriċi ma tistax iġġib 'il quddiem din l-azzjoni, li hi intiża għall-konsegwiment ta' kreditu formanti parti mill-akkwisti konjugali; u għalhekk tiddikjara irrita u nulla ċ-ċitazzjoni preżentata mill-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.

---